TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 241/13/F

**Godwin Montanaro**

**vs**

**Melita P.l.c.**

Illum 4 ta' Marzu, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 ta' Ottubru, 2013 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' disa' mija, u dsatax-il ewro u għoxrin ċenteżmi (€919.20), rappreżentanti ħlas żejjed tas-servizz tal-Melita.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li hija rappreżentanta tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kellu żewġ kontijiet mal-Melita P.l.c., waħda għar-residenza principali tiegħu u oħra għar-residenza sajfija. Is-servizz f'Għawdex kien qed jiġi iċċarġjat mija u dsatax-il ewro, u tmienja u tmenin ċenteżmi (€119.88) fis-sena. Wara li għamel xi indaġni, ġie nfurmat illi għat-tieni residenza seta' jħallas żewġ ewro, u tlieta w tletin ċenteżmi (€2.33) fix-xahar minflok disa' ewro, u disgħa w disgħin ċenteżmi (€9.99) fix-xahar, jiġifieri b'roħs ta' seba' ewro, u sitta w sittin ċenteżmi (€7.66) fix-xahar, u illi ħallas żejjed wieħed u disgħin ewro, u tnejn u disgħin ċenteżmi (€91.92) fis-sena. Għaldaqstant ir-rikorrenti qed jitlob ir-rifużjoni tal-ħlas għal sittax-il sena li kellu s-servizz.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi jmissu kien ir-rikorrenti li talab għal dan ir-roħs u l-offerta kienet hemm. Għal dan ir-rikorrenti ikkonkluda li l-kontijiet kienu jintbagħtu fl-istess indirizz u s-soċjeta' ntimata jmissa kienet taf li seta' jibbenefika minn dan ir-roħs.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jikkonkludi illi huwa minnu li r-rikorrenti seta' jibbenefika minn dan ir-roħs għax kien intitolat għalih, pero' minħabba l-fatt illi l-liġi tipprojbixxi lir-rikorrenti jagħmel talba tul sittax-il sena, imma tista' tkun biss limitata għal ħames snin.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' erba' mija u disgħa w ħamsin ewro u sittin ċenteżmi (€459.60), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**